MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**GIOVANNI GRIXTI**

Seduta ta' l-24 ta' April, 2008

Numru 472/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Angelo Gafa)**
**vs**
**George Xuereb**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **George Xuereb** ta’ 38 sena, din Joseph u Mary nee’ Camilleri, imwieled Pieta fil-5 ta’ Marzu, 1965, residenti 14, Triq Santa Marija, Safi u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 142365(M);

Talli f’diversi bnadi f’dawn il-Gzejjer fis-16 ta’ Novembru, 2002, u fil-jiem ta’ qabel u dawk ta’ wara, b’diversi atti maghmulin fi zmienijiet differenti, li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda;

1. Ircivejt minghand xi haddiehor jew ksibt minghand xi haddiehor xi weghda li tinghata, lilek jew lil

ohrajn, b'korrispettiv ghal xi self, mghaxijiet jew xi qliegh iehor taht liema ghamla jkun b'eccess minn dak li jkun permess il-Ligi, u dan bi ksur ta' l-artikoli 298C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Ukoll talli sar recediv ai termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza mghotija mill-Qrati tal-Magistrati fid-dati tat-12 ta' Gunju, 1989, t-8 t'Awissu, 1990 u tat-2 ta' Mejju, 1994.

Il-Qorti hija gentilment mitluba sabiex jekk ikun il-kaz, tikkundanna lil George Xuereb ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi persuna kienet ghamlet rapport lill-Pulizija li din kellha problemi mal-imputat peress illi dan kien jisilfu l-flus bl-imghax ta' mija fil-mija. L-imputat kkonferma li gieli silef flus lill-kwerelant izda cahad li qatt zammlu xi imghax fuqhom. Konfrontat bi ktejjeb zghir b'dati u numri fuqu, l-imputat ikkonferma illi l-firma fuqu kienet tat-tfajla tieghu ghaliex gieli kienet tircievi l-flus hi. Fil-kors tal-indagini taghha, l-Pulizija hadet stqarrija lill-imputat (Dok BZ5) fejn dan iddikjara li bhala xoghol jahdem f'dak li jsib u li kien qed jistenna xoghol minghand xi hadd. Minn hemm 'l quddiem ma wiegeb l-ebda risposta li saritlu kif inhu dritt tieghu li jaghmel.

Il-kwerelant xehed illi huwa jahdem bil-kummissjoni u li sar jaf bl-imputat bhala persuna li tislef il-flus. Ghall-ewwel kien issellef elf lira minn ghandu b'imghax ta' elf lura

fuqhom. Meta kien fadallu jaghti tmien mitt lira rega issellef elf lira ohra minghand l-imputat. Sussegwentement rega ssellef hamest elef lira. Il-kwereleant xehed illi kull meta ma kellux flus biex jaghmel pagament, li f'dan il-kaz kien ta' mitejn u hamsin lira fil-gimgha, dik il-mitejn u hamsin lira tirdopja ghal hames mija. Meta kien jissellef l-flus, l-imputat kien jikteb li issellef doppju tal-ammont biex ma jkunx evidenti li ghandu jaghti id-doppju li issellef. Il-pagamenti kienu jitnizzlu fuq ktejjeb (Dok BZ1) izda kull tant zmien l-imputat kien jaqta' l-pagna relevanti biex ma jhallix tracci tat-transazzjoni. Wara li l-imputat kien hedded lill-kwerelant bil-familja tieghu u tah daqqa ta' ponn fuq wiccu, ghazel li jfittex l-ghajnuna tal-Pulizija u ghamel kwerela. Huwa spjega ukoll li l-imputat kien offrielu li jekk irid jkompli jhallas id-dejn tieghu dovut lill-persuni minghajr ma jhallas l-iskadenzi lill-imputat u f'dan il-kaz ir-rati jgholew b'mija u hamsin lira fil-gimgha. L-imputat jghid li gieli hallas erba mitt lira fil-gimgha lill-imptutat u li kien gia raddlu lura is-somma ta' hmistax-il elf lira ghal self ta' tmient jew disat elef lira. Spjega li kif juri il-ktejjeb, meta kellu jaghti Lm11,550 u qabez pagament is-somma telghet ghall-Lm12,500 fejn allura l-imputat xorta jkun ha hames mitt lira pagament izda minhabba l-penali dawn ma jitnaqqsux, bil-konsegwenza li xorta jkollu jaghti hames mitt lira ta' dik il-gimgha. Il-kwerelant spjega kif kien tilef kull skop fil-hajja meta lanqas kien jifdallu paga f'idu.

Mart il-kwerelant xehdet illi l-imputat kien qed jigi sikwit quddiem il-bieb tad-dar taghhom u darba minnhom. fis-7 ta' filghodu, talab li jkellem lill-kwerelant. Il-kwerelant spjega kollox lil martu li sa dak iz-zmien ma kienet taf b'xejn bil-problema ta' zewgha. Hi affrontat lill-imputat u qaltlu li ma jistax ikun li jhallsu dawk il-flus izda l-imputat wiegeb li ried il-flus ghax ma kienx wahdu u li kien ser jibghatilha n-nies jaghmlu storbju d-dar. Hu kien talab lill-kwerelant jilbes u jiltaqgha mieghu Bir-id-Deheb ha jkellmu. Din ix-xhud spjegat kif darba kienet marret ma' zewgha thallas pagament ta' mitejn u hamsin lira ghand l-imputat Hal-Qormi fejn qal lil kwerelant li jekk jibqa' sejjer hekk ma kienx ser ikun hemm inkwiet u iffirma fuq il-ktieb

u tah lill-kwerelant fuq insistenza ta' martu. Hi spjegat ukoll illi l-imputat kien icempel lil zewgha sikwit u meta kien icempel biex jghidlu ma jistax jigi, l-imputat kien jinstemgha jghajjat fuq it-telefon.

Ix-xhud tal-prosekuzzjoni, Connie Lia, ikkonfermat li hija tohrog mal-imputat. Taf ukoll lill-kwerelant meta kien gie ghand omm l-imputat u din gharfet sew il-ktejjeb Dok BZ1 kif ukoll il-firma taghha bid-data tal-21 ta' Dicembru, 2002 fuq il-ktejjeb u qalet li gieli tiffirma hi (fol 90). Din ix-xhud qalet li l-kwerelant kien gie diversi drabi ihallas lill-imputat. Connie Lia qalet ukoll li darba minnhom kienu iltaqghu hi, l-imputat u l-kwerelant u fuq talba tal-istess kwerelant "ghamilna karta u morna naghmlulha photocopy" (fol 91) u wara dan, l-kwerelant beda jibki u jistaqsi lill-imputat ghall-tlett elef lira li da parti tieghu qallu "imbaghad nara" izda x-xhud oggezzjonat u minflok heggitu biex imur jghid lil martu bil-problemi li ghadu man-nies li jissellef minn ghandhom. Xi gimgha wara gie u irringrazjaha tal-parir. Hi qalet li l-imputat u hi dejjem ippruvaw jghinu lill-kwerelant.

Connie Lia xehdet illi fis-7 ta' Dicembru 2002 kienet saret skrittura bejn l-imputat u l-kwerelant, din saret fil-vettura tal-kwerelant u hi kienet xhud sia tal-firem kif ukoll tas-self tas-somma ta' tnax-il elf u seba mitt lira mill-imputat lill-kwerelant. Aktar tard tghid li parti mis-somma kienet inghatat qabel izda f'dak il-hin kien inghata xi erbat elef lira u immedjatament beda jikbi biex itif tlett elef lira. Aktar tard l-imputat qalilha li kien tah elfejn lira ohra.

**<u>L-iskrittura tas-7/12/2002 Dok BZ3 u BZ4:</u>**

Din l-iskrittura hija redatta bl-ilsien Malta. Il-kwerelant jghid li ma jafx jaqra u jikteb bil-Malti ghax hu kien jghix l-Ingilterra. [Il-Qorti tikkonferma li l-accent tieghu waqt id-deposizzjoni kien ta' wiehed li bil-kemm jaf jitkellem bil-Malti u jinstemgha qisu persuna Ingliza]. Minkejja dan, il-kwerelant ikkonferma l-firma tieghu fuq l-istess. Jghid li mhux veru kien hu li insista mal-imputat biex issir din l-iskrittura u qal li dakinhar l-imputat kien tah biss elf lira. Sussegwentement tah elfejn ohra u baqghu jitilghu izda

innega li qatt talbu ghall-tlett elef lira f'salt wiehed. Il-kwerelant qal li kien jissellef flus minn ghand l-imputat biex ihallsu lura tad-dejn ghaliex jekk ma jitfaccax bil-mitejn u hamsin lira jkollu jirdoppja l-pagament. Hu qal li minn ghand l-imputat kien issellef b'kollox madwar disat elef lira u kien hallsu lura madwar ghoxrin elf . Minkejja dan, ghad hemm skrittura ta' kostituzzjoni ta' debitu fl-ammont ta' Lm12,700, hu qal li m'ghandu jaghti xejn lill-imputat ghaliex ma kienx jaf li fuq l-iskrittura Dok BZ4 hemm dak l-ammont imnizzel.

Ikkunsidrat:

Illi in sintesi, ix-xhieda tal-kwerelant tista' titqies bhala moghtija minn persuna li tammetti li ghandha jew kellha problemi finanzjarji rizultanti mill-vizzju tal-loghob. Wara li issellef il-flus u radd lura 'l fuq mid-doppju, iddecieda li jikxef lill-imputat ghaliex minkejja l-pagament li vversalu, xorta kellu jtih ammont sostanzjali. L-imputat jghid li veru silef il-flus lill-kwerelant izda dan qatt ma zammlu imghax. Prattikament dan kien dak li kellu xi jghid l-imputat meta ghazel li jixhed. F'tali cirkostanzi xhieda tal-imuptat fuq bazi ta' probabilita' ghandha tkun sufficjenti biex il-Qorti ma ssibx htija. Applikata din ir-regola fil-kaz in dizamina, l-Qorti jehtieg li tkun konvinta li l-imputat huwa verament kreditur tal-kwerelant fl-ammont ta' Lm12,700 skond l-iskrittura tas-7 ta' Dicembru, 2002. Jehtieg ukoll tkun konvinta li l-imputat silef diversi somom ta' flus lill-kwerelant minghajr imghax jew forma ta' interessi ohra. F'dan ir-rigward, l-imputat kien konsapevoli tal-fatt illi l-kwerelant kellu problemi finanzjarji serji. Minkejja dan, xorta ghazel li jigi ghall-ghajnuna tieghu billi silfu eluf ta' liri minghajr ebda forma ta' arrangament jew modalita ta' pagamenti, anzi jghid li kien il-kwerelant stess li insista li tkun redatta l-iskrittura tas-7 ta' Dicembru 2002. L-istampa li l-imputat ttenta ipingi tieghu nniffsu hi ta' persuna li m'ghandhiex xoghol, anzi li jaghmel dak li jinzerta tant li kien qed jistenna risposta dwar xoghol prospettiv. Minkejja din l-incertezza fil-hajja lavorattiva tieghu, huwa jislef flejjes kbar minghajr imghax u minghajr ebda sigurta. Huwa ma waqafx hemm fil-karita' tieghu lejn l-kwerelant tant li dan tal-ahhar talab aktar flus milli

kien gia inghata u kienet it-tfajla tal-istess imputat li waqqfitu milli jkompli jtih il-flus. Fl-iskrittura imsemmija, l-imputat jiddikjara li qed jghaddi s-somma ta' Lm12,700 self brevi manu u f'dak il-hin stess l-kwerelant kien talbu tlett elef lira ohra u l-imputat wiegbu li jtih risposta aktar tard. Dan ifisser li l-imputat kien qed jikkontempla jisilfu aktar flus meta l-kwerelant, dipendenti biss fuq paga mensili u ghandu familja tiddependi minnu, kien ghadu kemm inghata dik is-somma mimghajr ebda sigurta u bil-konsapevolezza li kellu mhux biss problemi finanzjarji izda ukoll problemi ta' loghob tal-flus. Minkejja dan l-att karitattiv, meta l-kwerelant naqas li jhallas xi rata mar wara l-bieb tad-dar tieghu jaghmel storbju biex jithallas. Minn ezami tal-librett esebit, x-xhieda tal-kwerelant titfa f'dubju akbar fuq il-verzjoni tal-imputat. Permezz tal-iskrittura imsemmija, l-kwerelant kellu jhallas mhux anqas minn Lm500 fil-gimgha. Mil-librett jirrizulta illi l-kwerelant qatt ma rnexxielu jhallas is-somma ta' Lm500 hlief darba. Meta hallas Lm350 (23.11.2002) l-ammont rimarrenti ta' Lm150 tnizzel bhala self indikat bis-sinjal (+) il-gimgha ta' wara u fil-gimgha wara din tnizzel ukoll bhala self l-ammont ta' Lm500 (30.11.2002). L-imputat dejjem xehed li hu silef ammont kbar lill-kwerelant u mhux ammonti zghar ta' Lm150 jew Lm200. Il-konsegwenza hija kif spjegaha l-kwerelant u cioe li kull darba li jonqos milli jhallas l-ammont ta' Lm500 fl-intier tieghu, dan mhux biss kellu jrodd lura l-kumplament izda l-ammont ta' Lm500 mill-gdid, kif kellu jaghmel diversi drabi anke fit-28 ta' Jannar 2003 fejn minkejja li hallas Lm200 spicca kellu "jissellef" Lm2000 tan-nuqqasijiet ta' qabel u ghalhekk kien hemm speci ta' "floating account" bejn il-partijiet. Minkejja li l-kwerelant naqas milli jrodd lura s-somma jew parti minnha, l-imputat ma ghamel xejn biex jinghata lura dak li hu tieghu. Hu ma ghamel l-ebda proceduri civili kontra l-kwerelant minkejja id-dokument dannegjant kontra l-istess kwerlant li qabel li hu debitur tal-imputat f'ammont cert, likwidu u dovut.

Din il-Qorti hija konvinta 'l hinn minn kull dubju ragjonevoli, hija konvinta ukoll moralment illi l-imputat kien qed jislef flejjes lill-kwerelant b'imghax ta' mija fil-mija kontra id-dispost tal-Kap 9.

Ghal dawn il-mottivi ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu kompriza dik dwar ir-recediva wara li kienu esebiti sentenzi relevanti u wara li d-difiza kienet ezentat lill-prosekuzzjoni milli tressaq il-prova tal-identita' (fol 148);

Wara li rat l-artikolu 298 C (1), 49 u 51 tal-Kap 9;

Wara li rat il-fedina penali raffrettarja tal-imputat;

Tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta' prigunerija ta' sentejn mil-lum oltre multa ta' ghaxart elef Euro (Euro 10,000) u cioe il-piena

ravvizata fl-artikolu 298C (1) mizjuda bi grad skond l-artikolu 50 tal-Kap 9.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------